Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' NIKOLAOS THOLIOTIS u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 36 dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal- Liġijiet ta' Malta, Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli bl-Artikolu 5 tal- Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, minn salarju, paga, pensjoni jew benefiċċji soċjali, b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont qed jiġu perċepiti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 5, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 17 ta' Frar, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

The Republic of Malta

Versus

NIKOLAOS THOLIOTIS, employed, 30 years, son of Georgios Tholiotis and Wioletta Tholiotis, born in Germany, on the 2nd May, 1995, and residing at Sunsrise Court, 7, Triq Olaf Gollcher, Swatar, and holder of a Greek passport bearing number BA3971977.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to NIKOLAOS THOLIOTIS and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta made applicable Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year from salary, wages, pension or social benefits, provided that every financial entity is ordered to inform the Court by means of a note, from which account or into which account the monies are perceived.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36, Article 22A and Article 5, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 17th February, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

548

ARB/C012/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Frar, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Jean Paul Grech, LLD), Kumpilazzjoni Numru 962/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C012/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st February, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judiciary (Magistrate Dr Jean Paul Grech, LLD), with Compilation Number 962/2026, in the case:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

EDILSON AQUILINA, ta' 20 sena, iben Alan Aquilina u Charmaine Aquilina, imwieled f'Tal-Pietà, Malta, fid-29 ta' Settembru, 2005, u residenti fi Block C, Flat 1, Triq is-Sibi, Il-Kalkara, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 0321005L.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' EDILSON AQUILINA u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal- Liġijiet ta' Malta u Artiklu 120(2A) tal-Ordinanza dwar il-professjoni medika u l-professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, minn salarju, paga, pensjoni jew benefiċċji soċjali, b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont qed jiġu perċepiti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 23A u fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 17 ta' Frar, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

The Republic of Malta

Versus

EDILSON AQUILINA, 20 years, son of Alan Aquilina and Charmaine Aquilina née Mifsud, born in Tal-Pietà, Malta, on the 29th September, 2005, and residing at Block C, Flat 1, Triq is-Sibi, Kalkara, and holder of a Maltese identity card 0321005L.

The Court ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to EDILSON AQUILINA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 120(2A) of the Medical and Kindred Professions Ordinance, Cap. 31.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year from salary, wages, pension or social benefits, provided that every financial entity is ordered to inform the court by means of a note from which account or into which account these monies are perceived.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 23A and Article 22A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 17th February, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

549

ARB/C023/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-16 ta' Frar, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Giannella Camilleri Busuttil, LLD). Kumpilazzjoni Numru 422/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C023/2024 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 16th February, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Giannella Camilleri Busuttil, LLD). Compilation Number 422/2024, in the case:

Il-Pulizija
(l-Ispettur John Leigh Howard)
(l-Ispettur Lianne Bonello)

Kontra

MELVIN XUEREB, ħaddiem tal-manutenzjoni, ta' 32 sena, iben Julian Xuereb u Monica Zahra xebba Zahra, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-10 ta' Ottubru, 1993, u residenti f'243, Triq id-Duluri, Tal-Pietà, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 471693M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil MELVIN XUEREB sabiex iħallas l-ammont ta' sitt mija u tmienja u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€678.40) lis-soċjetà Central Insurance Brokers Limited rappreżentanti il-liċenzja u l-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 16 ta' Frar, 2026, mill-kont bankarju miżmum f'isem MELVIN XUEREB li jispiċċa bin-numru -7961 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ta' ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Giannella Camilleri Busuttil, LLD), fil-5 ta' April, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-12 ta' April, 2024, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MELVIN XUEREB.

Illum 25 ta' Frar, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Police
(Inspector John Leigh Howard)
(Inspector Lianne Bonello)

Versus

MELVIN XUEREB, maintenance worker, 32 years, son of Julian Xuereb and Monica Zahra née Zahra, born in Tal-Pietà, Malta, on the 10th October, 1993, and residing at 243, Triq id-Duluri, Tal-Pietà, and holder of Maltese identity card bearing number 471693M.

The Court AUTHORISED MELVIN XUEREB to pay the amount of six hundred seventy-eight Euro and forty cents (€678.40) to Central Insurance Brokers Limited representing the road license and the insurance policy for the vehicle mentioned in the Court decree dated 16th February, 2026, from the bank account held in the name of MELVIN XUEREB ending in -7961 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta and Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Giannella Camilleri Busuttil LL.D) on the 5th April, 2024, which was published in the Government Gazette on the 12th April, 2024, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MELVIN XUEREB.

Today 25th February, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

550

ARB/C040/2023 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-18 ta' Frar, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD), fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)
(l-Ispettur Jonathan Pace)

Kontra

MARK-ANDREW MUSCAT, impjegat, ta' 46 sena, iben Neville Muscat u l-mejta Catherine Muscat xebba

ARB/C040/2023 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 18th February, 2026, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Dr Edwina Grima, LLD), in the case:

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)
(Inspector Jonathan Pace)

Versus

MARK-ANDREW MUSCAT, employee, 46 years, son of Neville Muscat and the late Catherine Muscat née Borg,

Borg, imwieled San Ġiljan, Malta fis-6 ta' Diċembru, 1979, u residenti f'57, 'St John', Flat 4, Sqaq Tomna, San Ġwann, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 48080M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil MARK-ANDREW MUSCAT sabiex iħallas l-excess claim lis-soċjetà Thomas Smith Insurance Agency Limited inkonnessjoni mal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 18 ta' Frar, 2026, fl-ammont ta' mitejn ewro (€200), liema ammont għandu jitħallas mill-kont bankarju intestat f'isem it-terza persuna msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 18 ta' Frar, 2026, li jispiċċa bin-numru -4594 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ta' ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fl-14 ta' Settembru, 2023, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-26 ta' Settembru, 2023, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MARK-ANDREW MUSCAT.

Illum 25 ta' Frar, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

born in St Julian's, Malta, on the 6th December, 1979, and residing at 57, 'St John', Flat 4, Sqaq Tomna, San Ġwann, and holder of Maltese identity card bearing number 48080M.

The Court AUTHORISED MARK-ANDREW MUSCAT to pay the excess claim to Thomas Smith Insurance Agency Limited in connection with the vehicle mentioned in the Court decree dated 18th February, 2026, in the amount of two hundred euro (€200), which amount shall be paid from the bank account held in the name of the third party mentioned in the court decree dated 18th February, 2026, ending in -4594 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 14th September, 2023, which was published in the Government Gazette on the 26th September, 2023, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MARK-ANDREW MUSCAT.

Today 25th February, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

551

ARB/C023/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-16 ta' Frar, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Giannella Camilleri Busuttil, LLD). Kumpilazzjoni Numru 422/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur John Leigh Howard)
(l-Ispettur Lianne Bonello)

Kontra

MELVIN XUEREB, ħaddiem tal-manutenzjoni, ta' 32 sena, iben Julian Xuereb u Monica Zahra xebba Zahra, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-10 ta' Ottubru, 1993, u residenti f'243, Triq id-Duluri, Tal-Pietà u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 471693M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil MELVIN XUEREB sabiex jirċievi ammont li ma jaqbiżx it-tlettax-il elf, disa' mija u sitta

ARB/C023/2024 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 16th February, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Giannella Camilleri Busuttil, LLD). Compilation Number 422/2024, in the case:

The Police
(Inspector John Leigh Howard)
(Inspector Lianne Bonello)

Versus

MELVIN XUEREB, maintenance worker, 32 years, son of Julian Xuereb and Monica Zahra née Zahra, born in Tal-Pietà, Malta, on the 10th October, 1993, and residing at 243, Triq id-Duluri, Tal-Pietà and holder of Maltese identity card bearing number 471693M.

The Court AUTHORISED MELVIN XUEREB to receive an amount not exceeding thirteen thousand nine hundred

u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, f'rati mensili ugwali, mill-kont bankarju indikat minn MELVIN XUEREB, jiġifieri l-kont bankarju li jispiċċa bin-numru -7961 miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ta' ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Giannella Camilleri Busuttil, LLD), fil-5 ta' April, 2024 li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-12 ta' April, 2024, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MELVIN XUEREB.

Illum 25 ta' Frar, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, in equal monthly instalments, from the bank account indicated by MELVIN XUEREB, ending in -7961 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta and Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Giannella Camilleri Busuttil, LLD) on the 5th April, 2024 which was published in the Government Gazette on the 12th April, 2024, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MELVIN XUEREB.

Today 25th February, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

552

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Frar, 2026, wara il-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar bin-numru 1544/2024 ta' Melita Power Diesel Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C23376 ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 9 ta' Marzu, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-bastiment hawn taħt deskritt maqbud mingħand Wanja Soren Oberhof u b'digriet tal-25 ta' Frar, 2025, ġew nominati Dott. Ilona Schembri u PL Silvana Vella bħala kuraturi deputati għall-istess bastiment u b'digriet tal-24 ta' Frar, 2026, Dott. Ilona Schembri ġiet sostitwita b'Dott. Thomas Barbara Sant.

Bastiment bl-isem Epicurean bin-numru uffiċjali 13272, irreġistrat Malta, b'Call sign 9HB2199, tunnellaġġ gross ta' 101, tul ta' 29.63 metru u tas-sena 1992.

N.B. L-imsemmi bastiment jinbiegħ bħalma ġew deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 3/26.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 13 ta' Frar, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 12th February, 2026, following the Warrant of Arrest of Sea Vessels numbered 1544/24 of Melita Power Diesel Limited with the registration number C23376, Monday, 9th March, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction,to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Republic Street, Belt Valletta, of the following vessel seized from the property of Wanja Soren Oberhof and by decree of the 25th of February, 2025, were appointed Dr Ilona Schembri and Silvana Vella LP as deputy curators for the said vessel and by decree of the 24th February, 2026, Dr Ilona Schembri was substituted by Dr Thomas Barbara Sant.

Vessel named Epicurean, with official number 13272, registered in Malta, with Call Sign 9HB2199, gross tonnage of 101, length of 29.63 meters and built in 1992.

N.B. The said vessel will be sold as described in the acts of Judicial Sale file number 3/26.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 13th February, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

553

Ikun jaf kulħadd Illi permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Jannar, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

It is hereby notified that by a decree given on 30th of January, 2026, by the Court of Magistrates (Gozo) Superior

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, fl-atti rikors ġuramentat numru 63/2025(BS) fl-ismijiet 'Ibet Nisbet Gonzalez Cabrera versus Cesare Rapisarda' ppreżentat fir-Reġistru fil-Qorti msemmija fis-16 ta' Diċembru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-istess rikors ġuramentat hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Cesare Rapisarda (karta tal-identità numru 0445335A) ta' Ġużè Labré, Flat 2, Triq San Ġużepp Labré, Ir-Rabat, Għawdex – u dan ai termini tal-artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċoè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżenta r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu x'jgħid fil-kawża.

Rikors Ġuramentat numru 63/2025 (BS) fl-ismijiet:

Ibet Nisbet Gonzalez Cabrera (KI 0200055a)

vs

Cesare Rapisarda (KI 0445335A)

Rikors ġuramentat ta' Ibet Nisbet Gonzalez Cabrera (KI 0200055A), residenti 'Ta Mattew Court', Falt 4, Triq Patri Matthew Sultana, Ix-Xagħra, Għawdex

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

1. Illi l-partijiet ċoè ir-rikorrenti Ibet Nisbet Gonzalez Cabrera u l-intimat Cesare Rapisarda, ma humiex miżżewġin, iżda kienu f'relazzjoni;

2. Illi mill-istess relazzjoni, l-istess rikorrenti u l-intimat għandhom wild wieħed, li hija tifla u jisimha (omissis), li twieldet nhar (omissis), liema twelid jinsab reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, bin-numru progressiv (omissis), u dan hekk kif jidher minn estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A-001';

3. Illi aktar kmieni din is-sena r-relazzjoni tal-partijiet u ċoè tal-ġenituri tal-minuri sfaxxat;

4. Illi l-esponenti hija l-iktar idoenea fost il-kontendenti sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijet kollha importanti għall-

Jurisdiction, Family Section, in the acts of sworn application number 63/2025(BS) in the names 'Ibet Nisbet Gonzalez Cabrera versus Cesare Rapisarda' filed in the Registry of the said Court on the 16th of December, 2025, the publication of the same sworn application reproduced below was ordered and this in order to serve as notification with regard the respondent Cesare Rapisarda (identity card number 0445335A) of Ġużè Labré, Flat 2, Triq San Ġużepp Labré, Victoria, Gozo – and this in terms of article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, Family Section

Whosoever is in receipt of this sworn application in his regard shall file a sworn reply within twenty (20) days from the date of service thereof, which is the date of receipt. Should no written sworn reply be filed in terms of the law within the prescribed time, the Court shall proceed to adjudicate the matter according to law.

It is for this reason in the interest of who so ever receives this sworn application to consult an advocate without delay that he may make his submissions during the hearing of the case.

Sworn application number 63/2025 (BS) in the names:

Ibet Nisbet Gonzalez Cabrera (Id 0200055a)

vs

Cesare Rapisarda (ID 0445335A)

Sworn application of Ibet Nisbet Gonzalez Cabrera (ID 0200055 A), residing 'Ta' Mattew Court ', Flat 4, Triq Patri Matthew Sultana, Xagħra, Gozo

Submits with respect and confirms under oath:

1. Whereas the parties namely the applicant Ibet Nisbet Gonzalez Cabrera and the respondent Cesare Rapisarda, are not married, but were in a relationship;

2. Whereas, from the same relationship, the same applicant and the respondent have one child, who is a girl and named (omissis), born on the (omissis) which birth is registered in the Public Registry, with progressive number (omissis) and this as evidence from the extract of birth Certificate hereby attached and marked as Document 'A-001';

3. Whereas earlier this year the relationship of the parties and namely the parents of the minor broke down;

4. Whereas the applicant mother is the most responsible among the parties to take all those important decisions in the

aħjar ġid tal-bint minuri fosthom dawk li jirrigwarda s-saħħa, l-edukazzjoni u safar tal-minuri;

5. Illi huwa fl-aħjar interess tal-bint minuri li l-esponenti tiġi awtorizzata li b'mod esklussiv u permanenti tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha meħtieġa fl-interessi suprem tal-minuri bid-drittijiet u bid-dmirijiet kollha naxxenti mill-awtorità tal-ġenitur skont id-dispożizzjoni tal-liġi ;

6. Illi fl-atti tal-medjazzjoni (bin-numru 24/2025) fl-istess ismijiet, fallew u ma ntlaħaqx ftehim bonarju, tant li fil-ħdax (11) ta' Diċembru, 2025, l-esponenti ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi bir-rikors ġuramentat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, u dan fl-atti tal-medjazzjoni msemmija. Illi kopja tal-istess digriet jinsab hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A-002';

7. Illi r-rikorrent qiegħda tikkonferma (fil-verżjoni bl-Ingliż) li hija taf personalment bil-fatti hawn elenkati, u li għalhekk hija kellha li tipproċedi b'din il-kawża.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tagħti u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri (omissis), esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, b'dan illi l-minuri tkompli tirrisjedi esklussivament mal-omm, u l-istess omm tkun esklussivament awtorizzata li tieħu d-deċiżjonijiet u tagħti struzzjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u inkluż dawk ta' residenza, edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari, saħħa, deċiżjonijiet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport, u safar, u dan mingħajr il-ħtieġa ta' xi kunsens tal-konvenut;

2. Tiddikjara lill-konvenut huwa responsabbli bħala l-missier tal-minuri sabiex jivversa dik ir-retta alimentarja versu bintu minuri (omissis), li twieldet nhar (omissis);

3. Tiffisa u tistabilixxi u tikkundanna lill-konvenut sabiex tħallas lill-attriċi għall-istess minuri (omissis), dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tiġi ffissata minn din l-istess Onorabbli Qorti, flimkien mal-ħlas rappreżentanti minn tal-inqas nofs l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, liema ammonti għandhom jkunu pagabbli mill-konvenut lill-istess rikorrenti fil-ġimgħa jew fix-xahar kif jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u bi provvedimenti jekk opportun għal żieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-hajja, kif ukoll li tali ammont jibqgħu jitħallsu mill-konvenut sa meta l-minuri tilħaq l-età maġġorreni jew sal-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena f'każ li l-minuri tkompli bl-istudji tagħha wara li tilħaq l-età maġġorreni;

best interest of the child mainly those regarding the health, education and travel of the minor;

5. Whereas it is in the best interest of the minor child that the applicant be authorised to take exclusively and permanently all the necessary decisions in the best interests of the minor with all the rights and duties resulting from the parental authority according to the provisions of law;

6. Whereas in the records of mediation (bearing number 24/2025) in the same names, no amicable settlement was reached, so much so that on the eleventh (11th) of December, 2025, the plaintiff was authorised to proceed with the sworn application by the Court of Magistrates (Gozo), Superior jurisdiction, Family Section, and this in the records of mediation mentioned. That a copy of the same decree is hereby attached and marked as Doc. 'A-002';

7. Whereas the plaintiff is hereby personally confirming the contents and the above-mentioned facts (under her oath in the English version of this application), and that she had proceed with this case;

Therefore, the applicant is humbly requesting this Honourable Court to:

1. Grant and entrust the care and custody of the minor (omissis) exclusively to the applicant mother, provided that the minor continues to reside exclusively with the mother, and the same mother is exclusively authorised to take all decisions and give all instructions regarding the minor, both those of an ordinary nature as well of those of an extraordinary nature and including those of residence, education, extra-curricular activities, health, decisions regarding the issue of a passport, and travel, this without the need for any consent of the defendant;

2. Declare that the defendant is responsible as the father of the minor to pay the adequate maintenance towards his minor daughter (omissis), that was born on the (omissis);

3. Fix and establish and condemn the defendant to pay the plaintiff, this for the same minor (omissis), that appropriate and adequate maintenance which shall be fixed by this same Honourable Court, together with the payment representing at least one half of the health and education expenses of the minor, which amounts shall be payable by the defendant to the same applicant weekly or monthly as ordered by this Honourable Court and with provisions if appropriate for a periodical increase to compensate for the cost of living, as well as that such amount shall continue to be paid by the defendant until the minor reaches the age of majority or until the age of twenty-three (23) years in case the minor continues with her studies after reaches the age of majority;

4. Tordna li kwalunkwe benefiċċji soċjali pagabbli għall u/jew inkonnessjoni mal-bint minuri (omissis), għandhom jiġu perċepiti esklussivament mir-rikorrenti omm;

5. Tagħti kull ordni u direttiva li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra tal-medjazzjoni bin-numru 24/2025 u l-istess konvenut huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Bir-riżerva għall kull azzjoni ulterjuri kontra l-konvenut.

L-Avukat Jonathan Mintoff

Il-kawża hija differita għat-12 ta' Marzu, 2026, fit-8.00 a.m. fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 19 ta' Frar, 2026

JENNA MIZZI
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

4. Order that any social benefits payable for and/or in connection with the minor daughter (omissis), be perceived exclusively by the applicant mother;

5. Give any other order/s and directive/s that this Honourable Court deems pertinent and necessary.

With all costs, including those of the letter of mediation with number 24/2025 and the same defendant is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Saving any further action against the defendant.

Advocate Jonathan Mintoff

The case is adjourned to the 12th of March 2026 at 8:00 a.m. at the Gozo Court Building, Misraħ il-Katidral, Victoria, Gozo.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 19th of February, 2026

JENNA MIZZI
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

554

Ikun jaf kulħadd Illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-17 ta' Frar, 2026, u dan wara Rikors b'numru 95/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jeffetwa l-korrezzjoni jew annotazzjoni mitluba biex, meta l-Att tat-Twelid ta' Anna Lou Maro Camilleri jiġi biex ikun reġistrat f'Malta, it-tieni isem tagħha jiġi mibdul minn 'Villa' għal 'Maro' u kif ukoll biex dan isir fuq l-Att taż-Żwieġ numru 1852/2019 (fejn hija tidher bħala l-mara) u fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 5441/2022 (fejn hija tidher bħala l-omm).

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 20 ta' Frar, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 17th February, 2026, and upon an application numbered 95/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to effect the requested correction or annotation so that, when the Act of Birth of Anna Lou Maro Camilleri is registered in Malta, her second name is changed from 'Villa' to 'Maro', and this correction is also to be effected on the Act of Marriage number 1852/2019 (where she appears as the wife) and on the Act of Birth number 5441/2022 (where she appears as the mother).

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 20th February, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

555

Ikun jaf kulħadd Illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tad-19 ta' Frar, 2026, u dan wara Rikors b'numru 106/2026, ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 19th February, 2026, and upon an application numbered 106/2026, ordered:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jeffetwa l-korrezzjoni jew annotazzjoni mitluba biex fl-Att tal-Mewt bin-numru 3616/2025 kunjom xbubit l-omm tal-persuna mejta jiġi korrett b'annotazzjoni minn 'Deguara' għal 'Calleja' u, ai fini ta' uniformità u korrettezza, tordna wkoll korrezzjoni fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 1759/1938 fis-sens li kunjom in-nannu matern (u għalhekk kunjom xbubit l-omm) jiġi korrett minn 'Deguara' għal 'Calleja'.

To the Director of the Public Registry, to effect the requested correction or annotation so that in the Act of Death number 3616/2025 the maiden surname of the deceased person's mother is corrected by annotation from 'Deguara' to 'Calleja' and, for the purposes of uniformity and correctness, to also order a correction on the Act of Birth number 1759/1938 so that the maternal grandfather's surname (and therefore the mother's maiden surname) is corrected from 'Deguara' to 'Calleja'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum it-Tlieta, 24 ta' Frar, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Tuesday, 24th February, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

556

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fit-3 ta' Frar, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 410/2025AD, fl-ismijiet: Mark Galea et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 3rd February, 2026, in the records of the Sworn application number 410/2025AD, in the names: Mark Galea et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Mark Galea (322669M) et vs l-Avukat tal-Istat et ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' Novembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of an application in the names: Mark Galea (322669M) et vs State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 7th November, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li fid-dawl tal-fatti fuq elenkati, ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanċiti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

1. Decide and declare that in the light of the facts above listed, the fundamental rights of the applicants as sanctioned by Article 37 of the Constitution of Malta as well as Article 1 of the First Protocol of the European Convention on Human Rights have been and are being violated;

2. Tagħti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa biex jiġu rimedjati l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali subiti mir-rikorrenti;

2. Give the applicant all the remedies it deems fit to remedy the violations of fundamental and constitutional rights suffered by the applicant;

3. Tagħti rimedju pekunjarju li l-Qorti jidhrilha xieraq, okkorrendi bl-opera ta' perit nominandi, liema rimedju jikkomprendi kemm f'kumpens għad-danni subiti riżultanti f'telf ta' dħul relatat mas-suq u kif ukoll tagħti provvediment opportun dwar id-durata tal-kirja u tagħti kull rimedju xieraq u opportun li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti;

3. Grant a pecuniary remedy that the Court deems fit, if necessary by the appointment of an architect, which remedy includes both compensation for the damages suffered resulting in a loss of market related income and also give an opportune provision regarding the duration of the lease and give any appropriate and opportune remedy that this Honourable Court deems fit;

4. Kemm-il darba l-lokazzjoni ma tiġix terminata, tiddikjara li l-intimat Yves Cali ma jistax jibqa' jinvoka 5, 12 u 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 1531B u 1531C tal-Kodiċi Ċivili sabiex ikompli jokkupa l-fond meru tal-kawża odjerna;

4. If, the lease is not terminated, declare that the respondent Yves Cali cannot continue to invoke 5, 12 and 12A of Cap. 158 of the Laws of Malta and Articles 1531B and 1531C of the Civil Code in order to continue to occupy the premises Meru of the present cause;

5. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat sabiex iħallas d-danni nonpekunjarji biex jagħmlu tajjeb għal lezjoni sofferta;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 410/2025AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-13 ta' Marzu, 2026, fid-9.10 a.m.

Notifika intimat: Yves Cali (162747M), 15, Triq Ġorġ Borg Olivier, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Frar, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

5. Condemn the respondent State Advocate to pay the non-pecuniary damages to make good the injury suffered;

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn application number 410/2025AD in the names mentioned above is postponed to the 13th March, 2026, at 9.10 a.m.

Notification respondent: Yves Cali (162747M), 15, Triq Ġorġ Borg Olivier, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 25th February, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

557

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Jannar, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1103/2025GG, fl-ismijiet: Mandy Gauci vs Matthew Zammit, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Mandy Gauci (481875M) vs Matthew Zammit (198795M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Ottubru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-fatti su esposti jammontaw għal spoll kommess mill-intimat għad-dannu tar-rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimat jisporga l-ispoll u jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess pjen u sħiħ tal-arja tagħha, jekk ikun il-każ, taħt id-direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti;

3. Tawtorizza lil rikorrenti sabiex fl-inadempjenza tal-intimat tagħmel ix-xogħlijiet kollha neċessarji biex tiġi riintegrata fil-pussess oriġinali tagħha u dan taħt id-direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti u a spejjeż tal-istess intimat;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1103/2025GG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-18 ta' Marzu, 2026, fid-9.30 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 28th January, 2026, in the records of the Sworn application number 1103/2025GG, in the names: Mandy Gauci vs Matthew Zammit, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Mandy Gauci (481875M) vs Matthew Zammit (198795M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 27th October, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the facts above mentioned amount to a spoliation committed by the respondent to the detriment of the applicant;

2. Condemn the respondent to carry out the spoliation and integrate the applicant in the full and proper possession of her airspace, if any, under the direction of an architect appointed by this Court;

3. Authorise the applicant so that in default of the respondent she carries out all the necessary works to be reinstated in her original possession and this under the direction of an architect appointed by this Court and at the expense of the same respondent;

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn application number 1103/2025GG in the names mentioned above is postponed to the 18th March, 2026, at 9.30 a.m.

Notifika intimat: Matthew Zammit (198795M), 28, Flat 3, Triq Santa Margerita, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Frar, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent: Matthew Zammit (198795M), 28, Flat 3, Triq Santa Margerita, Mosta

Registry of the Superior Courts, today 25th February, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

558

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Jannar, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 860/2024AB, fl-ismijiet: Paul Mangion vs Alexander Cassar, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' ritrattazzjoni ta' rikors fl-ismijiet: Paul Mangion (599477M) vs Alexander Cassar (426767M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-2 ta' Awwissu, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna s-smigħ mill-ġdid tal-kawża u dan għar-raġunijiet sovraindikati;

2. Tiddikjara l-impossibbiltà tal-eżegwibbiltà tar-res judicata derivanti mis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 3 ta' Mejju tas-sena kurrenti;

3. Tiddikjara li l-konvenut ritratta aġixxa b'mod frawdolenti, u dan fil-konfront tar-rikorrenti ritrattandi;

4. Tiddikjara lir-rikorrenti ritrattandi bħala l-leġittimu proprjetarju tal-vetturi Ford Escort Mark 1 Cosworth ta' lewn iswed, Ford Escort Mark 4 magna diesel ta' lewn aħmar, Ford 8 Van ta' lewn marun, u tal-magna V6 Ford Capri;

5. Tordna lill-konvenut ritrattandi sabiex jirritorna l-vetturi Ford Escort Mark 4 magna diesel ta' lewn aħmar, Ford 8 Van ta' lewn marun, u tal-magna V6 Ford Capri lir-rikorrenti ritrattandi, u dan bl-għajnuna tal-marixxalli debitament appuntati minn din l-Onorabbli Qorti, u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe stat illi l-imsemmija vetturi Ford Escort Mark 4 magna diesel ta' lewn aħmar, Ford 8 Van ta' lewn marun, u tal-magna V6 Ford Capri jkunu jinsabu fihom, liema vetturi għandhom jiġu llievati min-numru 22, Triq San Xmun, Il-Fgura, jew kwalunkwe indirizz ieħor verjuri debitament riskontrat minn kwalunkwe parti kontendenti;

Ir-Rikors Ġuramentat numru 860/2024AB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-24 ta' Marzu, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika intimat: Alexander Cassar (426767M), George, Triq il-Merħba, Il-Fgura

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd January, 2026, in the records of the Sworn application number 860/2024AB, in the names: Paul Mangion vs Alexander Cassar, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of a new trial of an application in the names: Paul Mangion (599477M) vs Alexander Cassar (426767M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 2nd August, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order that the case be heard afresh and this for the above mentioned reasons;

2. Declare the impossibility of the execution of res judicata resulting from the judgement of this Honourable Court dated 3rd May of the current year;

3. Declare that the respondent defendant acted fraudulently, and this against the applicant;

4. Declare the applicant as the legitimate owner of the vehicles Ford Escort mark 1 Cosworth of black colour, Ford Escort mark 4 diesel engine of red colour, Ford 8 Van of deep red colour, and of the engine V6 Ford Capri;

5. Order the respondent defendant to return the vehicles Ford Escort mark 4 diesel engine of red colour, Ford 8 Van of deep red colour, and of the V6 engine Ford Capri to the respondent applicant, and this with the assistance of the marshals duly appointed by this Honourable Court, and this without prejudice to any state that the said vehicles Ford Escort mark 4 diesel engine of red colour, Ford 8 Van of maroon colour, and of the V6 engine Ford Capri contained therein, which vehicles are to be leased from the number 22, Triq San Xmun, Fgura, or any other correct address duly subscribed by any contending party;

The Sworn application number 860/2024AB in the names mentioned above is postponed to the 24th March, 2026, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Alexander Cassar (426767M), George, Triq il-Merħba, Fgura

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Frar, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 25th February, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

559

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-12 ta' Frar, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 723/2025AB, fl-ismijiet: Mario Bezzina noe vs Joseph Mercieca, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Mario Bezzina (960859M) noe vs Joseph Mercieca (178683M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-kunsens mogħti mill-attriċi Sonia Bezzina fuq il-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dott. Ritienne Bugeja Fenech datat il-11 ta' April tas-sena 2018 kien wieħed ivvizjat minn żball a bażi tal-artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tirrexxindi l-kuntratt ta' tiġdid ta' enfitewsi fl-atti tan-Nutar Dott. Ritienne Bugeja Fenech datat il-11 ta' April tas-sena 2018 a bażi tal-artikolu 1212 tal-Kodiċi ;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni

